

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2017/1538 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Awwissu 2017

**li jemenda r-Regolament (UE) 2015/534 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja
(BĊE/2017/25)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jagħti kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u (3), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 6(5)(d) u l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas MSU) (BĊE/2014/17) ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1), l-Artikolu 140 u l-Artikolu 141(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/13) ⁽³⁾ jistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar li jikkonċernaw l-informazzjoni finanzjarja superviżorja li għandha tiġi ppreżentata minn entitajiet taħt superviżjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK).
- (2) Ir-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13) jeħtieġ li entitajiet taħt superviżjoni jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja bbażata fuq il-formoli żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u stipulati mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ⁽⁴⁾.
- (3) FLulju 2014 il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ħareġ l-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 9 "Strumenti Finanzjarji" (iktar 'il quddiem "IFRS 9") li ser jissostitwixxi l-istandard ta' rapportar attwali għall-istruimenti finanzjarji, l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 39 "Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl";
- (4) IFRS 9 ġie inkorporat fid-dritt tal-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2067 ⁽⁵⁾.

⁽¹⁾ ĠUL 287, 29.10.2013, p. 63.

⁽²⁾ ĠUL 141, 14.5.2014, p. 1.

⁽³⁾ Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2015 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2015/13) (ĠUL 86, 31.3.2015, p. 13).

⁽⁴⁾ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 191, 28.6.2014, p. 1).

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2067 tat-22 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 9 (ĠUL 323, 29.11.2016, p. 1).

- (5) Sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' IFRS9, ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 ġie emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1443⁽¹⁾. L-emendi jinkludu, fost affarijiet oħrajn, bidliet għall-formoli u l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja.
- (6) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13) jiġi allinjat mal-qafas tal-kontabilità emendat u mar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/1443. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru emendi tekniċi u terminoloġiċi żgħar-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13).
- (7) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13) għandu jiġi emendat kif meħtieġ skont il-proċedura tal-Artikoli 26(7) u 26(8) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13) huwa emendat skont kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Suġġett u prinċipji ġenerali

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja li għandha tintbagħat lill-ANK minn:

- (a) istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw standard tal-kontabilità internazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għal rapportar superviżorju fuq bażi kkonsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (b) istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-punt (a), li huma soġġetti għal offsa tal-kontabilità nazzjonali fuq il-bażi tad-Direttiva 86/635/KEE;
- (c) istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti fuq bażi individwali u friegħi sinifikanti;
- (d) istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pappiżi terz;
- (e) istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li japplikaw standards tal-Kontabilità internazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għal rapportar superviżorju fuq bażi kkonsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (f) istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-punt (e), li huma soġġetti għal offsa tal-kontabilità nazzjonali fuq bażi kkonsolidata bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE;
- (g) istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti fuq bażi individwali u friegħi inqas sinifikanti.

2. Bħala eċċezzjoni għall-Artikoli 7 u 14, istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu ngħataw eżenzjoni rigward l-applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, skont l-Artikolu 7 jew 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, m'għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja skont dan ir-Regolament. Meta istituzzjonijiet ta' kreditu ma jirrapportawx informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi individwali skont dan il-paragrafu, l-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe formola speċifikat fl-Anness III jew IV tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 li huma jiġbru b'rabta ma' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-obbligi stipulati fil-Partijiet Tnejn sa Erbgħa u l-Partijiet Sitta sa Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fit-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE dwar bażi subkonsolidata skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw ukoll fuq bażi subkonsolidata mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata.

⁽¹⁾ Regolament ta' Implementazzjoni tal-kummissjoni (UE) 2017/1443 tad-29 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 213, 17.8.2017, p. 1).

3a. Meta istituzzjonijiet princiċiali japplikaw metodu ta' konsolidazzjoni individwali skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament fuq bażi individwali billi japplikaw biss il-metodu ta' konsolidazzjoni individwali.

4. L-ANK u/jew il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jużaw id-data miġbura skont dan ir-Regolament għal kwalunkwe kompitu ieħor.

5. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-istandardi tal-kontabilità applikati minn entitajiet taħt superviżjoni fil-kontijiet konsolidati jew fil-kontijiet annwali tagħhom, u lanqas ma jibdel l-istandardi tal-kontabilità applikati għar-rapportar superviżorju. Billi entitajiet taħt superviżjoni japplikaw standards tal-kontabilità differenti, għandha tintbagħat biss informazzjoni relatata ma' regoli ta' valutazzjoni, inklużi metodi għall-istima ta' telf mir-riskju ta' kreditu, li jeżistu taħt l-istandardi tal-kontabilità rilevanti u li huma applikati mill-entitajiet taħt superviżjoni korrispondenti fuq bażi individwali jew ikkonsolidata. Għal dawn l-iskopijiet, formoli ta' rapportar speċifiċi huma pprovduti għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa tal-kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE. Punti ta' data fil-formoli li ma japplikawx għall-entitajiet taħt superviżjoni rispettivi ma għandhomx għalfejn jiġu rrapportati.

6. Friegħi sinifikanti u inqas sinifikanti jistgħu jissottomettu l-informazzjoni li huma meħtieġa jipprovdu taħt dan ir-Regolament lill-ANK relevanti permezz tal-istituzzjoni ta' kreditu li permezz tagħha huma ġew stabbiliti.”;

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3 huwa mħassar;

(b) Il-paragrafi (6) sa (9) li ġejjin huma mdaħħla:

“(6) ‘istituzzjoni ta’ kreditu sinifikanti’ tfisser istituzzjoni ta’ kreditu li għandha l-istatus ta’ entità sinifikanti taħt superviżjoni;

(7) ‘istituzzjoni ta’ kreditu inqas sinifikanti’ tfisser istituzzjoni ta’ kreditu li ma jkollhiex l-istatus ta’ entità sinifikanti taħt superviżjoni;

(8) ‘fergħa sinifikanti’ tfisser fergħa li jkollha l-istatus ta’ entità sinifikanti taħt superviżjoni li ma tkunx parti minn grupp taħt superviżjoni u tkun stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta’ kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti;

(9) ‘fergħa inqas sinifikanti’ tfisser fergħa li ma jkollhiex l-istatus ta’ entità sinifikanti taħt superviżjoni li ma tkunx parti minn grupp taħt superviżjoni u tkun stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta’ kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.”;

(3) L-Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Bidla tal-istatus ta’ entità taħt superviżjoni

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, entità taħt superviżjoni għandha tiġi kklassifikata bħala sinifikanti 12-il xahar wara li tkunu ġiet innotifikata b'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17). Hija għandha tirrapporta informazzjoni skont it-Titolu II ta’ dan ir-Regolament bħala entità sinifikanti taħt superviżjoni fl-ewwel data ta’ referenza tar-rapportar li sseħħ wara li tkun ġiet ikklasseifikata bħala sinifikanti.

2. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, entità taħt superviżjoni għandha tiġi kklassifikata bħala inqas sinifikanti meta tiġi nnotifikata b'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17). Sussegwentement, hija għandha tirrapporta informazzjoni skont it-Titolu III ta’ dan ir-Regolament.”;

(4) L-intestatura tat-Titolu II hija ssostitwita b'dan li ġej:

“TITOLU II

RAPPORTAR MINN ISTITUZZJONI JIET TA’ KREDITU SINIFIKANTI FUQ BAŻI KKONSOLIDATA U INDIVIDWALI U MINN FRIEGĦI SINIFIKANTI FUQ BAŻI INDIVIDWALI”;

- (5) Il-Kapitolu I tat-Titolu II huwa mibdul b'dan li ġej:

“KAPITOLU I

Rapportar fuq bażi kkonsolidata

Artikolu 4

Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi kkonsolidata u dati ta' referenza tar-rapportar u dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw IFRS għal rapportar superviżorju fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Skont l-Artikolu 99(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għal rapportar superviżorju fuq bażi kkonsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja kif ipprovdut fl-Artikoli 2, 3 u 10 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 fuq bażi kkonsolidata.

Artikolu 5

Format u frekwenza tar-rapportar fuq bażi kkonsolidata u dati ta' referenza tar-rapportart u dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw oqfsa tal-kontabilità nazzjonali fuq bażi konsolidata bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE

Skont l-Artikolu 99(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4, li huma soġġetti għal oqfsa tal-kontabilità nazzjonali fuq bażi kkonsolidata bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi kkonsolidata kif stipulat fl-Artikoli 2, 3 u 11 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014.”;

- (6) L-intestatura tal-Kapitolu II tat-Titolu II hija mibdula b'dan li ġej:

“KAPITOLU II

Rapportar fuq bażi individwali;

- (7) L-Artikolu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni u għal friegħi sinifikanti

1. Istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex iħejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandardi tal-kontabilità msemmija fi, jew inkella għaliex japplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti fuq bażi individwali. Dan għandu japplika wkoll għal friegħi sinifikanti.

2. Ir-rapportar superviżorju finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-informazzjoni spċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014, inkluża l-informazzjoni spċifikata fil-formola 40.1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament, u għandha sseħħ bil-frekwenza spċifikata f'dak l-Artikolu.

3. Istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni u huma soġġetti għal oqfsa tal-kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK relevanti. Dan għandu japplika wkoll għal friegħi sinifikanti.

4. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 3 għandu jinkludi l-informazzjoni spċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014, inkluża informazzjoni spċifikata fil-formola 40.1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament, u għandu jsir bil-frekwenza spċifikata f'dak l-Artikolu.

5. L-informazzjoni spċifikata fil-paragrafi 2 u 4 iktar 'il fuq għandha tinkludi biss informazzjoni relatata ma':

- (a) assi, obbligazzjonijiet, ekwitā, dħul u spejjeż li huma rikonoxxuti mill-entità taħt superviżjoni skont l-istandardi tal-kontabilità applikabbli;
- (b) skoperturi li ma jidhrux fil-karti tal-bilanċ u attivitajiet fejn l-entità taħt superviżjoni hija involuta;
- (c) tranżazzjonijiet għajr għal dawk spċifikati fil-punti (a) u (b) mwettqin mill-entità taħt superviżjoni;

(d) regoli ta' valutazzjoni, inklużi metodi għall-istima ta' telf tar-riskju ta' kreditu, li jeżistu skont l-standards tal-kontabilità applikabbi u li huma applikati mill-entità taħt superviżjoni.

6. L-ANK jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE spċifikata fil-paragrafi 2 u 4 bħala parti minn qafas ta' rapportar nazzjonali usa' li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali rilevanti, tħalli informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u taqdi wkoll skopijiet li ma jkunux biss superviżorji, bħal skopijiet statistiċi.

7. Bħala eċċeżżjoni għall-paragrafi 2 u 4, istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw l-informazzjoni spċifikata fil-formoli 17.1, 17.2 u 17.3 fl-Annessi III u IV, u fil-formola 40.2 fl-Annessi III u IV tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 biss jekk iħejju rapporti finanzjarji kkonsolidati.

8. Bħala eċċeżżjoni għall-paragrafi 2 u 4, friegħi sinifikanti m'għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw l-informazzjoni spċifikata fil-formoli 17.1, 17.2 u 17.3 fl-Annessi III u IV u fil-mudelli 40.1 u 40.2 fl-Annessi III u IV tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014.”;

(8) L-intestatura tal-Artikolu 7 hija ssostitwita b'dan li ġej:

“Artikolu 7

Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal istituzzjonijiet ta' kreditu li huma parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni”;

(9) L-Artikolu 7(1) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“1. Istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li jaapplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex iħejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-standards tal-kontabilità msemmija fil, jew inkella għaliex jaapplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li huma parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti fuq bażi individwali. Rapportar finanzjarju superviżorju minn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jsir bil-frekwenza spċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni spċifikata fl-Anness I.”;

(10) L-Artikolu 7(3) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“3. Istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa tal-kontabilità nazzjonali bbażi fuq id-Direttiva 86/635/KEE u li jkunu parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti.”;

(11) L-Artikolu 8 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Dati ta' referenza tar-rapportar u dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti u friegħi sinifikanti

1. L-informazzjoni li tikkonċerna istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti u friegħi sinifikanti spċifikata fl-Artikoli 6 u 7 għandu jkollha d-dati ta' referenza tar-rapportar li ġejjin:

(a) għar-rapportar trimestrali, il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;

(b) għar-rapportar semi-annwali, it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru;

(c) għar-rapportar annwali, il-31 ta' Diċembru.

2. Informazzjoni li tirreferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena kalendarja sad-data ta' referenza tar-rapportar.

3. Bħala eċċeżżjoni għall-paragrafi 1 u 2, meta istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti jitħallew jelaboraw il-kontijiet annwali tagħhom fuq il-bażi ta' sena tal-kontabilità li tiddevja mis-sena kalendarja, l-ANK jistgħu jaġġustaw id-dati ta' referenza tar-rapportar sal-aħħar tas-sena tal-kontabilità. Id-dati ta' referenza tar-rapportar aġġustati għandhom ikunu tliet xhur, sitt xhur, disa' xhur u 12-il xahar wara l-bidu tas-sena tal-kontabilità. Informazzjoni li tirreferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena tal-kontabilità sad-data ta' referenza tar-rapportar.

4. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE l-informazzjoni dwar istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti taħt super-viżjoni speċifikati fl-Artikoli 6 u 7 sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fid-dati ta' rimessa li ġejjin:

- (a) għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li mħumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni u friegħi sinifikanti, l-10 jum ta' ħidma wara d-dati tar-rimessa msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014;
- (b) għal istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li huma parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni, il-25 jum wara d-dati ta' rimessa msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014.

5. L-ANK għandhom jiddeċiedu meta istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti u friegħi sinifikanti jkollhom jirrapportaw informazzjoni superviżorja finanzjarja sabiex jilħqu dawn l-iskadenzi.”;

(12) Il-Kapitolu III tat-Titolu II huwa mibdul b'dan li ġej:

“KAPITOLU III

Rapportar minn istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti fir-reigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz

Artikolu 9

Format u frekwenza ta' rapportar minn istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz

1. Informazzjoni finanzjarja superviżorja fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz għandhom ikunu rrapportati skont kif ġej:

- (a) Istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li jaapplikaw IFRS fuq bażi kkonsolidata skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, inklużi dawk li jaapplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom jiżguraw li l-informazzjoni finanzjarja speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness II tkun sottomessa fuq bażi individwali lill-ANK relevanti fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz. Ir-rapportar superviżorju finanzjarju għandu jseħħ bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014.
- (b) Istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-punt a, li huma soġġetti għal ofqsa tal-kontabilità nazzjonali fuq bażi kkonsolidata abbażi tad-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jiżguraw li l-informazzjoni finanzjarja superviżorja speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Anness II hija sottomessa fuq bażi individwali lill-ANK relevanti fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew fpajji terz. Ir-rapportar superviżorju finanzjarju għandu jseħħ bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014.

1a. Meta aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda fi ħdan grupp taħt superviżjoni tapplika rekwiżiti prudenzjali fuq bażi kkonsolidata, il-paragrafu 1 għandu jaapplika biss għall-istituzzjoni ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti u fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni.

2. Bħala eċċeżżjoni mill-paragrafu 1, informazzjoni finanzjarja li tikkonċerna sussidjarji li għandhom valur ta' assi totali ta' EUR 3 biljun jew inqas m'għandhomx jiġi rrapportati. Għal dan l-iskop, il-valur totali tal-assi għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenzjali skont il-liggi applikabbli. Jekk il-valur totali tal-assi ma jistax jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenzjali, dan għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali awditati l-aktar reċenti, u jekk dawk il-kontijiet annwali ma jkunux disponibbli, fuq il-bażi tal-kontijiet annwali mħejjija skont il-ligġi tal-kontabilità nazzjonali applikabbli.

3. L-informazzjoni għandha tiġi rrapportata skont il-paragrafu 1 mid-data ta' referenza tar-rapportar li jmiss għal rapportar trimestrali fejn il-valur totali tal-assi ta' sussidjarja jkun jaqbeż EUR 3 biljun ferba' dati ta' referenza tar-rapportar konsekuttivi għal rapportar trimestrali. Rapportar skont il-paragrafu 1 mħuwiex meħtieġ mid-data ta' referenza tar-rapportar li jmiss għal rapportar trimestrali fejn il-valur totali tal-assi ta' sussidjarja jkun inqas minn jew daqs EUR 3 biljun fi tliet dati ta' referenza tar-rapportar konsekuttivi għal rapportar trimestrali.

Artikolu 10

Dati ta' referenza tar-rapportar u dati ta' rimessa għal rapportar minn istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti fir-rigward ta' sussidjarji stabiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz

1. L-informazzjoni speċifika fl-Artikolu 9 għandha tinġabar bl-istess dati ta' referenza tar-rapportar bħall-informazzjoni finanzjarja superviżorja dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti li jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata. Informazzjoni li tirreferi għal perijodu għandha tīgħi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena tal-kontabilità użata għar-rapportar tal-informazzjoni finanzjarja sad-data ta' referenza tar-rapportar.
2. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE informazzjoni dwar sussidjarji stabiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz kif speċifikat fl-Artikolu 9 sal-ħin tal-għeluq tal-25 jum tax-xogħol wara d-dati ta' rimessa msemija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014.
3. L-ANK għandhom jiddeċiedu meta istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja sabiex dawn ikunu jistgħu jilhq din l-iskadenza.”;

(13) Il-intestatura tat-Titolu III hija mibdula b'dan li ġej:

“TITOLU III

RAPPORTAR MINN ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU INQAS SINIFIKANTI FUQ BAŻI KKONSOLIDATA U INDIVIDWALI U MINN FRIEGħI INQAS SINIFIKANTI FUQ BAŻI INDIVIDWALI”;

(14) Il-Kapitolu I tat-Titolu III huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU I

Rapportar fuq bażi kkonsolidata

Artikolu 11

Ifformattar u frekwenza tar-rapportar fuq bażi kkonsolidata għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti

1. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li japplikaw IFRS taħt ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rapportar superviżorju fuq bażi kkonsolidata skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti fuq bażi kkonsolidata.
2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifika fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifika fil-paragrafu 1 tal-Anness I.
3. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe formola addizzjonali speċifika fl-Anness III tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-ANK. L-ANK għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe formola addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.
4. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa tal-kontabilità nazzjonali fuq bażi kkonsolidata bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti fuq bażi kkonsolidata. Dak ir-rapportar finanzjarju superviżorju għandu jsir bil-frekwenza speċifika fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifika fil-paragrafu 2 tal-Anness I.
5. L-ANK għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe formola addizzjonali speċifika fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-ANK. L-ANK għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe formola addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

6. Bħala eċċeżżjoni għall-paragrafi 4 u 5 ir-rapportar finanzjarju superviżorju dwar i-stituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li l-assi tagħhom għandhom valur totali ta' EUR 3 biljun jew inqas għandu jinkludi informazzjoni speċifika fl-Anness III, bħala minimu komuni, minflok l-informazzjoni speċifika fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Għal dan l-iskop, il-valur totali tal-assi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, fuq bażi kkonsolidata, għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenziali kkonsolidat skont il-liggi applikabbli. Jekk il-valur totali tal-assi ma jistax jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenziali kkonsolidat, dan għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet ikkonsolidati annwali awditati l-aktar reċenti, u jekk dawk il-kontijiet annwali ma jkunux disponibbli, fuq il-bażi tal-kontijiet ikkonsolidati annwali mħejjija skont il-ligġi tal-kontabilità nazzjonali applikabbli.

7. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti għandhom jibdew jirrapportaw informazzjoni skont il-paragrafi 4 u 5 mid-data ta' referenza tar-rapportar li jmiss għal rapportar trimestrali meta l-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti jkun jaqbeż, fuq bażi kkonsolidata, EUR 3 biljun f'erba' dati ta' referenza tar-rapportar konsekutivi għal rapportar trimestrali. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti għandhom jibdew jirrapportaw informazzjoni skont il-paragrafu 6 meta l-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti jkun inqas minn jew daqs, fuq bażi kkonsolidata, EUR 3 biljun fi tlett dati ta' referenza tar-rapportar konsekutivi għal rapportar trimestrali.

8. L-informazzjoni spċifikata fil-paragrafi 2, 3, 4, 5, u 6 għandha tiġi rrapportata kif stabbilit fl-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

9. L-ANK jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE li hija spċifikata fil-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 6 bħala parti minn qafas ta' rapportar usa' li, f'konformità mal-liġi relevanti tal-Unjoni jew dik nazzjonali, tħalli informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u sservi wkoll skopijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal skopijiet statistiċi.

Artikolu 12

Dati ta' referenza tar-rapportar u dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti

1. L-informazzjoni rrapportata minn istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti fuq bażi kkonsolidata kif spċifikat fl-Artikolu 11 għandu jkollha dawn id-dati ta' referenza tar-rapportar:

- (a) għar-rapportar trimestrali, il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;
- (b) għar-rapportar semi-annwali, it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru;
- (c) għar-rapportar annwali, il-31 ta' Diċembru.

2. Informazzjoni li tirreferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena kalendarja sad-data ta' referenza tar-rapportar.

3. Bħala eċċejżjoni għall-paragrafi 1 u 2, meta istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti taħt superviżjoni jitħallew mill-ANK jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja superviżorja tagħhom fuq bażi kkonsolidata bbażata fuq sena tal-kontabilità li tiddejja mis-sena kalendarja, l-ANK jistgħu jaġġustaw id-dati ta' referenza tar-rapportar sal-aħħar tas-sena tal-kontabilità. Id-dati ta' referenza tar-rapportar aġġustati għandhom ikunu tliet xhur, sitt xhur, disa' xhur u 12-il xahar wara l-bidu tas-sena tal-kontabilità. Informazzjoni li tirreferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv li jkופri l-perijodu mill-ewwel jum tas-sena tal-kontabilità sad-data ta' referenza tar-rapportar.

4. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE l-informazzjoni spċifikata fl-Artikolu 11 sal-ħin tal-għeluq tax-xogħol fid-dati ta' rimessa li ġejjin:

- (a) għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti u li jirrapportaw fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, il-25 jum ta' ħidma wara d-dati ta' rimessa imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014;
- (b) għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata, minbarra dawk imsemmija fil-punt (a), il-35 jum ta' ħidma wara d-dati ta' rimessa imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014.

5. L-ANK għandhom jiddeċiedu meta istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja sabiex dawn ikunu jistgħu jilħqu dawn l-iskadenzi.”;

(15) I-intestatura tal-Kapitolu II tat-Titolu III hija mibdula b'dan li ġej:

“KAPITOLU II

Rapportar fuq bażi individwali;

(16) L-Artikolu 13 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 13

Format u frekwenzi ta' rapportar fuq bażi individwali għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni u għal friegħi inqas sinifikanti

1. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex iheju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandards tal-kontabilità msem-mija fi, jew inkella għaliex japplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti fuq bażi individwali. Dan għandu japplika wkoll għal friegħi inqas sinifikanti.
2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza spċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni spċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness I.
3. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe formola addizzjonali spċifikata fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-ANK. L-ANK għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe formola addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.
4. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa tal-kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE u li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti. Dan għandu japplika wkoll għal friegħi inqas sinifikanti.
5. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 4 għandu jsir bil-frekwenza spċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni spċifikata fil-paragrafu 2 tal-Anness I.
6. L-ANK għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe formola addizzjonali spċifikata fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-ANK. L-ANK għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe formola addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.
7. Il-parografi 2, 3, 5 u 6 għandhom ikunu soġġetti għall-eċċeżżjonijiet li ġejjin:
 - (a) rapportar finanzjarju superviżorju dwar istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li l-assi tagħhom għandhom valur totali ta' inqas minn jew daqs EUR 3 biljun għandu jinkludi l-informazzjoni spċifikata fl-Anness III, bħala minimu komuni, minflok l-informazzjoni spċifikata fil-paragrafi 2, 3, 5 jew 6;
 - (b) fergħa inqas sinifikanti m'għandhiex tirrapporta informazzjoni finanzjarja superviżorja jekk il-valur totali tal-assi tagħha jkun inqas minn jew daqs EUR 3 biljun.
8. Għall-finijiet tal-paragrafu 7, il-valur totali tal-assi tal-istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti u tal-fergħa inqas sinifikanti għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenzjali skont il-liggi applikabbli. Jekk il-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti ma jistax jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenzjali, dan għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali awditjati l-aktar reċenti, u jekk dawk il-kontijiet annwali ma jkunux disponibbli, fuq il-bażi tal-kontijiet annwali mħejjija skont il-ligġi tal-kontabilità nazzjonali applikabbli. Jekk il-valur totali tal-assi ta' fergħa inqas sinifikanti ma jistax jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenzjali, dan għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' data statistika rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (*).
9. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti u friegħi inqas sinifikanti għandhom jibdew jirrapportaw informazzjoni skont il-parografi 2, 3, 5 u 6 mid-data ta' referenza tar-rapportar li jmiss għal rapportar trimestrali meta l-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti jew fergħa inqas sinifikanti jaqbeż EUR 3 biljun f'erba' dati ta' referenza tar-rapportar konsekuttivi għal rapportar trimestrali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti u l-friegħi inqas sinifikanti għandhom jibdew jirrapportaw informazzjoni skont il-paragrafu 7 meta l-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti jew fergħa inqas sinifikanti jkun inqas minn jew daqs EUR 3 biljun fi tlett dati ta' referenza tar-rapportar konsekuttivi għal rapportar trimestrali.
10. L-informazzjoni spċifikata fil-parografi 2, 3, 5, 6, u 7 għandha tiġi rrapportata kif stabbilit fl-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

11. L-ANK jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE kif spċifikat fil-paragrafi 2, 3, 5, 6 u 7 bħala parti minn qafas ta' rapportar nazzjonali usa' li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti, tħinkludi informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u sservi wkoll skopijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal skopijiet statistiċi.

(*) Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-setturi tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).";

(17) L-Artikolu 14 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal istituzzjonijiet ta' kreditu li huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni

1. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti taħt superviżjoni li jaġiapplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex iħejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandards tal-kontabilità msemmija fis, jew inkella għaliex jaġiapplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti fuq bażi individwali.

2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza spċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni spċifikata fl-Anness II.

3. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe formola addizzjonali spċifikata fl-Anness III tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-ANK. L-ANK għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe formola addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

4. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa tal-kontabilità nazzjonali bbażi fuq id-Direttiva 86/635/KEE u huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-ANK rilevanti.

5. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 4 għandu jsir bil-frekwenza spċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni spċifikata fl-Anness II.

6. L-ANK għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe formola addizzjonali spċifikata fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-ANK. L-ANK għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe formola addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

7. Bħala eċċeżżjoni għall-paragrafi 2, 3, 5 u 6, ir-rapportar finanzjarju superviżorju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti taħt superviżjoni li l-assi tagħhom ikollhom valur totali ta' inqas minn EUR 3 biljun għandu jinkludi l-informazzjoni spċifikata fl-Anness III. Għal dan l-iskop, il-valur totali tal-assi tal-istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenziali skont il-liġi applikabbli. Jekk il-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti ma jistax jiġi ddeterminat fuq il-bażi tar-rapportar prudenziali, dan għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kontijiet annwali awditjati l-aktar reċenti, u jekk dawk il-kontijiet annwali ma jkunux disponibbli, fuq il-bażi tal-kontijiet annwali mħejjija skont il-liġijiet tal-kontabilità nazzjonali applikabbli.

8. Istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti għandhom jibdew jirrapportaw informazzjoni skont il-paragrafi 2, 3, 5 u 6 mid-data ta' referenza tar-rapportar li jmiss għal rapportar trimestrali meta l-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti jkun jaqbeż EUR 3 biljun f'erba' dati ta' referenza tar-rapport konsekuttivi għal rapportar trimestrali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti għandhom jibdew jirrapportaw informazzjoni skont il-paragrafu 7 meta l-valur totali tal-assi ta' istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti jkun inqas minn jew daqs EUR 3 biljun fi tlett dati ta' referenza tar-rapportar konsekuttivi għal rapportar trimestrali.

9. L-informazzjoni spċifikata fil-paragrafi 2, 3, 5, 6, u 7 għandha tīgħi rrapportata kif hemm stabbilit fl-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

10. L-ANK jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE kif spċifikat fil-paragrafi 2, 3, 5, 6 u 7 bħala parti minn qafas ta' rapportar nazzjonali usa' li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti, jinkludi informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u taqdi wkoll skopijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal skopijiet statistiċi.";

(18) L-Artikolu 15 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 15

Dati ta' referenza tar-rapportar u dati ta' rimessa għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti u friegħi inqas sinifikanti

1. L-informazzjoni li tikkonċerna istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti u friegħi inqas sinifikanti speċifikata fl-Artikoli 13 u 14 għandu jkollha d-dati ta' referenza tar-rapportar li ġejjin:

- (a) għar-rapportar trimestrali, il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;
- (b) għar-rapportar semi-annwali, it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru;
- (c) għar-rapportar annwali, il-31 ta' Diċembru.

2. Informazzjoni li tirreferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena kalendarja sad-data ta' referenza tar-rapportar.

3. Bħala eċċeżżjoni għall-paragrafi 1 u 2, meta istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti taħt superviżjoni jitħallew mill-ANK jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja superviżorja tagħhom fuq il-bażi ta' sena tal-kontabilità li tiddevja mis-sena kalendarja, l-ANK jistgħu jaġġustaw id-dati ta' referenza tar-rapportar sal-aħħar tas-sena tal-kontabilità. Id-dati ta' referenza tar-rapportar aġġustati għandhom ikunu tliet xhur, sitt xhur, disa' xhur u 12-il xahar wara l-bidu tas-sena tal-kontabilità. Data li tirreferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena tal-kontabilità sad-data ta' referenza tar-rapportar.

4. L-ANK għandhom jissottomettu lill-BĊE l-informazzjoni finanzjarja superviżorja dwar istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti u friegħi inqas sinifikanti speċifikati fl-Artikoli 13 u 14 sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fid-dati ta' referenza li ġejjin:

- (a) għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni u għal friegħi inqas sinifikanti, il-25 jum ta' ħidma wara d-dati ta' rimessa imsemmija fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014;
- (b) għal istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti li huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni, il-35 jum ta' ħidma wara d-dati ta' rimessa imsemmija fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 680/2014.

5. L-ANK għandhom jiddeċiedu meta istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti u friegħi inqas sinifikanti għandhom jirrapportaw informazzjoni superviżorja finanzjarja sabiex jilħqu dawn l-iskadenzi.”;

(19) L-Artikolu 17 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 17

Lingwa tal-IT għat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-BĊE

L-ANK għandhom jibagħtu l-informazzjoni speċifikata f'dan ir-Regolament skont it-tassonomija relevanti tal-eXten-sible Business Reporting Language sabiex jiġi pprovdut format tekniku uniformi għall-iskambju ta' data. Għal dawn il-finjiet, l-ANK għandhom isegwu l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/29.”;

(20) L-Artikolu 18 huwa mħassar;

(21) L-Artikolu 19 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 19

Dispożizzjoni jiet-tranżitorji

1. Jekk entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni ssir sinifikanti qabel l-1 ta' Jannar 2018 hija għandha tiġi kklassifikata bħala entità sinifikanti taħt superviżjoni għall-finjiet ta' dan ir-Regolament 18-il xahar wara li tkun ġiet innotifikata b'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

2. Jekk il-valur totali tal-assi ta' entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni fuq bażi individwali jew ikkonsolidata jaqbeż EUR 3 biljun qabel l-1 ta' Jannar 2018 hija għandha tibda tirrapporta skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament fl-ewwel data ta' referenza tar-rapportar li sseħħ mill-inqas 18-il xahar wara li jkun inqabeż il-livell minimu.

3. Jekk il-valur totali tal-assi ta' sussidjarja stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajiż terz jaqbeż EUR 3 biljun qabel l-1 ta' Jannar 2018 l-informazzjoni għandha tiġi rrapporata skont l-Artikolu 9(1) fl-ewwel data ta' referenza tar-rapportar li sseħħ ta' mill-inqas 18-il xahar wara li jkun inqabeż il-livell minimu.;

(22) L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(23) L-Anness IV huwa mibdul bl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(24) L-Anness V huwa mibdul bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw l-IFRS taħt ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, inklużi dawk li japplikaw IFRS għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għall-ewwel darba bħal fl-ewwel data ta' referenza tar-rapportar li taqa' fi ħdan is-sena finanzjarja tagħhom li jmiss wara l-31 ta' Diċembru 2017.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE mill-1 ta' Jannar 2018.

4. Dan ir-Regolament għandu japplika għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li huma soġġetti għal oqfsa nazzjonali tal-kontabilità bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE mill-1 ta' Jannar 2018.

5. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, il-BĊE jista' jiddeċiedi, fuq talba ta' ANK, li japplika dan ir-Regolament għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE u stabbiliti fl-Istat Membru ta' dik l-ANK mill-1 ta' Jannar 2019 jekk dak il-qafas ta' kontabilità nazzjonali ma jkunx kumpatibbli mal-IFRS.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNESS I

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2015/534 (BĊE/2015/13) huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafi 1 u 2 il-kliem “gruppi taħt superviżjoni u” huma mħassra;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Bħala eċċezzjoni mill-paragrafu 2, kull ANK tista’ tiddeċiedi li l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 u stabbiliti fl-Istat Membru tagħha għandhom jirrapportaw:

(a) l-informazzjoni spċifikata fil-formola 9.1 jew l-informazzjoni spċifikata fil-formola 9.1.1 mill-Anness IV għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014;

(b) l-informazzjoni spċifikata fil-formola 11.2 jew l-informazzjoni spċifikata fil-formola 11.2 mill-Anness IV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014;

(c) l-informazzjoni spċifikata fil-formola 12.0 jew l-informazzjoni spċifikata fil-formola 12.1 mill-Anness IV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014; u

(d) l-informazzjoni spċifikata fil-formola 16.3 jew l-informazzjoni spċifikata fil-formola 16.4 mill-Anness IV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.”;

(c) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-formoli 17.1, 17.2 u 17.3 fit-Tabelli 1 u 2 huma pprovduti biss għal istituzzjonijiet ta’ kreditu li jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata. Il-Mudell 40.1 fit-Tabelli 1 u 2 huwa pprovdut għal istituzzjonijiet ta’ kreditu li jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata u istituzzjonijiet ta’ kreditu li mhumiex parti minn grupp li jirrapporta fuq bażi individwali.”;

(d) It-Tabelli 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej.

“Tabella 1

Numru tal-formola	Isem il-formola jew tal-grupp ta’ formoli
	PARTI 1 [FREKWENZA TRIMESTRALI]
	Rapport tal-Karta Bilanċjali [Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja]
1.1	Rapport tal-Karta Bilanċjali: assi
1.2	Rapport tal-Karta Bilanċjali: obbligazzjonijiet
1.3	Rapport tal-Karta Bilanċjali: ekwidità
2	Rapport ta’ profitt jew telf
	Diżaggiegazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-strument u skont is-settur tal-kontroparti:
4.1	Diżaggiegazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-strument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji miżimumin għan-negożjar
4.2.1	Diżaggiegazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-strument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji mhux tan-negożjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.2.2	Diżaggiegazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-strument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji indikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew telf
4.3.1	Diżaggiegazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-strument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' introjt ieħor komprensiv
4.4.1	Diżaggiegazzjoni tal-assi finanzjarji skont l-strument u skont is-settur tal-kontroparti: assi finanzjarji bil-kost amortizzat

Numru tal-formola	Isem il-formola jew tal-grupp ta' formoli
4.5	Assi finanzjarji subordinati
5.1	Diżaggregazzjoni tas-self u avvanzi mhux tan-negozjar skont il-prodott
6.1	Diżaggregazzjoni ta' self u avvanzi minbarra dawk miżmumin għan-negozjar lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont il-kodiċijiet tan-NACE Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji
8.1	Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-prodott u skont is-settur tal-kontroparti
8.2	Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn
9.1.1	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali: impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija
9.2	Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn riċevuti
10	Derivattivi - Negozjar u ġeġġijet ekonomiċi Kontabilità għall-ihheġġar
11.1	Derivattivi - Kontabilità għall-ihheġġar: Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' riskju u t-tip ta' ħħeġġar Movimenti fil-provvedimenti u dispiżżjonijiet għat-telf ta' kreditu
12.1	Movimenti fil-provvedimenti u dispiżżjonijiet għat-telf ta' kreditu Kollateral u garanziji rċevuti
